MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Numru. 398/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
CARMEL FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Farrugia ta’ 56 sena bin Vincent u Carmela nee Pisani, imwieled Hamrun fit-18 ta’ Mejju u joqghod 62, Casa Azzurri, Triq l-Ghasel, Qormi ID501747M talli f’dawn il-gzejjer, fis-17 ta’ Dicembru 2000, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew gharraq b’xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-

persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tat-30 t'Ottubru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 295 u Art 110 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------